# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA PRIMARJA 2010

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IS-SITT SENA** | **RELIĠJON** | **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

**A. Agħmel sinjal taħt it-tajba. (10 marki)**

1. Aħna nsiru wlied Alla u nidħlu fil-familja tiegħu dakinhar li nirċievu s-sagrament (tal-Griżma tal-Isqof, tal-Ewwel Tqarbina, tal-Magħmudija).
2. Il-Knisja hija waħda, qaddisa, kattolika, (sħiħa, appostolika, ferrieħa).
3. F'din il-festa niftakru fil-ġrajja l-kbira ta' meta Ġesù twieled fostna: (l-Għid, il-Milied, l-Avvent).
4. Il-kelma Avvent tfisser (stennija, miġja, dewmien).
5. Ġesù twieled (Betlehem, Nazaret, Ġerusalemm).
6. Minflok San Pietru llum għandna lill-(Papa, president, patrijiet).
7. Niċċelebraw il-festa ta' tlugħ is-sema tal-Madonna, nhar (il-Kunċizzjoni, il-Bambina, Santa Marija).
8. L-appostli kienu (erbatax, tnax, sebgħa).
9. San Luqa kien wieħed mill-(evanġelisti, appostli, pubblikani).
10. Ir-rgħajja saru jafu (minn Erodi, minn kewkba, mill-anġli) li twieled Ġesù.



**B. Għid fejn.** **( 6 marki)**

1. F'dan il-ktieb insibu l-kelma t'Alla :______________________________.
2. Dam tliet xhur San Pawl :______________________________.
3. Kien jgħammed Ġwanni l-Battista : _________________________.

**Ċ. Imla l-vojt b'kelma mill-kaxxa.** **(12-il marka)**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| jirxoxta | Bibbja | Sagrament | Ispirtu s-Santu | ġdid | Dnub |
| Alla | Magħmudija | Saċerdot | xbieha | qaddisin | Ilma |

Wara li tinqara silta mill-_______________________

u jsir talb lil Alla u lill-________________________,

is- _________________jersaq lejn l-________________________

tal-___________________________,

u jagħmel talba sabiħa biex il-qawwa ta' ____________________

tinżel fih.

Fl-aħħar parti ta' din it-talba, is-saċerdot jgħid hekk:

"Agħmel li dan l-ilma jilqa' fih il-grazzja ta' Ibnek mill-

__________________ ________________________, biex

il-bniedem li inti ħlaqtu __________________________

tiegħek, jinħasel minn kull tidnis qadim tad-___________________

permezz tas-_______________________________ tal-Magħmudija,

u mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu _____________________

bħala iben _______________________ tiegħek."



**Ir-rit Tal-Magħmudija**



**D. Wieġeb fil-qosor.** **(15-il marka)**

1. Xi nsiru aħna l-Insara meta nirċievu l-Magħmudija?
   Semmi żewġ affarijiet oħra ma' dawk li huma mniżżlin.

- ____________________________________.
- Aħwa ta' Ġesù.
- Tempju tal-Ispirtu s-Santu.
- ____________________________________.

(4 marki)

2. Liema poplu għażel Alla fit-Testment il-Qadim?



____________________________________________

(3 marki)

3. Meta u fejn kienu jiltaqgħu l-Lhud biex jagħtu qima lil Alla?

a. Fejn :____________________________________________

b. Meta :____________________________________________

(4 marki)

4. Kif għandha tkun il-qima tagħna lejn Alla?



____________________________________________

____________________________________________

(2 marki)

5. Min hu l-pont jew is-sellum li tana Alla biex jgħaqqadna miegħu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(2 marki)

**E. X' niċċelebraw:** **( 5 marki)**

1. Fit-8 ta' Settembru :_________________________________.

2. Fil-15 ta' Awwissu :_________________________________.

3. Fl-10 ta' Frar :_____________________________________.

4. Fil-25 ta' Diċembru :________________________________.

5. Fl-1 ta' Novembru :__________________________________.

**F. Ikteb il-kelmiet neqsin fit-talba tal-Missierna.** **(10 marki)**

**Ara l-eżempju**.



Misserna li inti fis-**smewwiet,**

Jitqaddes ________________________;

Tiġi saltnatek;

Ikun li _________________int kif fis-______________hekkda fl-

______________________.

Ħobżna ta' _________________agħtina ______________;

Aħfrilna ____________________ bħalma _____________________

lil min hu ħati għalina;

Iddaħħalniex fit-________________________

iżda ___________________________ mid-deni. Ammen.

**Ġ. Wieġeb il-mistoqsijiet dwar it-talba tal-Missierna.** **(5 marki)**



1. Min għallimna din it-talba?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

(2 marki)

2. "Min hu ħati għalina" tfisser min _______________________________________________

______________________________________________________________________________

(3 marki)




**G. Fil-Quddiesa nisimgħu lil ALLA jkellimna.**
**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.** **(22 marka)**

Il-Kelma tiegħu Alla jwassalhielna l-aktar fl-ewwel parti tal-quddiesa li nsejħulha l-**Liturġija tal-Kelma.** Il-post minn fejn tinqara l-kelma ta' Alla nsejħulu **Ambone**.

Alla jwasslilna l-Kelma tiegħu mill-qari tal-Bibbja. Aħna nemmnu li l-Bibbja nkitbet bl-għanjuna speċjali tal-Ispirtu s-Santu. Dawk li kitbuha kellhom dawl u qawwa speċjali biex iwasslulna dak li Alla ried jgħidilna. Il-Bibbja fiha 72 ktieb li jinqasmu f'żewġ taqsimiet kbar: il-kotba tat-Testment il-Qadim, li nkitbu qabel ma' Ġesù ġie fid-dinja, u l-kotba tat-Testment il-Ġdid, li nkitbu wara li Ġesù tela' s-sema.

Fil-quddiesa tal-Ħadd, mill-Bibbja jinqraw tliet siltiet. L-ewwel qari jkun wieħed mill-kotba tat-Testment l-Antik. F'dawn il-kotba naraw kif Alla għażel u ħejja l-poplu tiegħu biex jista' jilqa' lil Ibnu li kellu jiġi fid-dinja. Naraw il-ġrajjiet kbar u tal-għaġeb li fihom Alla wera kemm hu qawwi, tajjeb u ħanin. Naraw it-tagħlim sabiħ li, permezz tal-profeti, Alla kien wasslilhom biex jagħrfuh, iħobbuh u jgħixu fil-paċi.

Wara l-ewwel qari jkollna dak li nsejħulu Salm Responsorjali. Is-Salmi huma innijiet miktuba f'għamla ta' poeżija li bihom il-Lhud kienu jfaħħru u jirringrazzjaw 'l Alla jew jitolbuh jgħinhom jew jaħfrilhom. Is-Salmi wkoll inkitbu bl-għajnuna speċjali tal-Ispirtu s-Santu u għalhekk huma mill-aktar tajbin biex bihom nitkellmu m'Alla.

1. X'jisimha l-ewwel parti tal-Quddiesa?

______________________________________________

(2 marki)

2. X'insejħulu l-post minn fejn tinqara l-kelma t'Alla?

______________________________________________

(2 marki)

3. Minn liema ktieb Alla jwasslilna l-kelma tiegħu?

______________________________________________

(2 marki)

4. Kemm fiha kotba l-Bibbja u f'kemm tinqasam?

(a) Kemm fiha kotba:______________________.

(b) F'kemm tinqasam:_____________________.

(4 marki)

5. Meta nkitbu l-kotba tat-Testment il-Qadim?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

6. Meta nkitbu l-kotba tat-Testment il-Ġdid?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(2 marki)

7. Kemm jinqraw siltiet mill-Bibbja fil-quddiesa tal-Ħadd?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(2 marki)

8. Minn fejn ikun meħud l-ewwel qari?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(2 marki)

9. X'inhuma s-Salmi?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(2 marki)

10. Bl-għajnuna ta' min inkitbu s-Salmi?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(2 marki)

**GĦ. Liema huma l-ħames taqsimiet tas-sena liturġika? Ikteb xi ħaġa dwar kull waħda.**
**(15-il marka)**

(a)_____________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(3 marki)

(b)________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(3 marki)

(ċ)________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(3 marki)

(d)________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(3 marki)

( e)________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(3 marki)







**TMIEM IL-KARTA**